



# Giuseppe Calì, Virgilio Monti u Attilio Palombi

Relazzjonijiet bejn dawn it-tliet artisti li ħallewlna opri sbieħ f'ħafna knejjes Maltin u Għawdxin. M'hemmx dubju li dawn it-tliet artisti Taljani jew ta' nisel Taljan żejnu lill-Knejjes tagħna b'ħafna opri sbieħ li qed ingawdu aħna u wliedna.



Dr Nazzarene Azzopardi

## Giuseppe Calì (1846-1930)

Giuseppe Calì, bin Raffaele u Giovanna nee Padiglione twieled il-Belt, fl-14 t'Awwissu fl-1846. Missieru kien telaq minn Napli bħala refuġjat u wasal Malta sitt snin qabel ma twieled l-aħħar wild tiegħu.

Raffaele Calì kien ġej minn familja t'artisti kemm tal-arti kif ukoll tal-iskultura, iżda huwa kien mużiċista waqt li martu Giovanna kienet tkanta l-opri. Dawn malajr sabu impjieg fit-Teatru Manoel u kien għalhekk li ibnu Giuseppi minn ċkunitu kien familjari mat-tpinġija ta' xeni tal-opri. Meta ommu u missieru għarfu li binhom għandu talent fit-tpinġija, ħallsulu sabiex jitla' Napli ħalli jiżviluppa u jipprattika din is-sena fl-Accademia di Belle Arti mmexxija mill-magħruf pittur Domenico Morelli, li tant irnexxa fl-istil artistiku magħruf bħala Verissmu.

Għal Giuseppi dan l-istil kien jaqbel ħafna ma' dak li kien diġà tgħallem meta kien jgħin fit-tpinġija ta' xeni għall-opri, li kienu jsiru fit-Teatru Manoel tal-Belt.

Lura Malta wara tliet snin huwa kiseb fama kbira meta pinġa l-kapulavur 'Il-Mewt ta' Dragut' li nxtrat mill-Gvern u qiegħda fil-Palazz tal-President ġewwa l-Belt Valletta.

Ta' sebgħa u għoxrin sena ġie magħżul mill-kapitlu tal-kanonċi ta' San Pawl il-Belt sabiex ipinġi xena tal-qabda meraviljuża tal-ħut fil-kappella ta' San Gejtanu. Din il-pittura ġiet

*(Ikompli f'pagna 56)*







**Giuseppe Calì fl-aqwa tiegħu.**

imfaħħra minn pubblikazzjoni 'Eco di Nazaret' bħala *Miracolo di arte per la poetica fantasia del giovane pittore, opera sublime, rivelata con tanta verita che non ci manca attegiamento non espressione, non colorito che non espirma fedelmente la dignita del soggetto*. Iżda din il-pittura ma għadhiex teżisti.

Ġara li l-kanonċi ta' San Pawl iddeċidew li l-pitturi kollha ta' ġol-Knisja tagħhom kellhom juru xeni fuq il-ħajja ta' San Pawl. Mela għamlu kuntratt ta' eluf ta' liri ma pittur Taljan Attilio Palombi, ħalli jagħmel ix-xogħol kollu huwa biss. Dan beda xogħlu billi ħassar l-qabda meraviljuza tal-ħut ta' Calì!

## Calì u Ħal Lija

Calì kien imlaqqam *Diavolo col Penzello* tant kien ħafif fix-xogħol tal-pittura. Meta wieħed jiftakar li kellu familja ta' għaxart itfal xi jmantni jifhem ir-raġuni għalxiex kellu jħaffef fix-xogħol tiegħu. Terġa' u tgħid huwa ma kienx jitlob somom kbar ta' flus għal xogħlu għax ried jakkwista kemm jista' u ma jħallix pitturi barranin jieħdu xogħol minn ħalq dawk Maltin u Għawdxin. Ġo Ħal Lija huwa ħadem id f'id mal-pittur Professur Ignazio Cortis tant li hemm armonija sħiħa fix-xeni li jżejnu s-saqaf u t-tliet abside. Iżda żgur li l-kapulavur ta' Calì ġol-knisja ta' Ħal Lija hija l-koppla fejn pitter it-twelid tas-Salvatur fi tliet episodji:

Ix-xena tal-Familja Mqaddsa fil-grotta

Ix-xena tar-raħħala joffru l-larinġ u oħrajn nagħaġ

Ix-xena tal-wasla tas-Slaten Maġi

## Virgilio Monti (1852-1940)

Dan il-pittur Ruman ġie magħżul mill-kanonċi ta' Birkirkara sabiex ipitter xeni mill-Vanġelu fil-koppla u fis-saqaf tal-Knisja ddedikata lil Sant'Elena. Ta' min isemmi li qabel il-wasla tal-pittur Monti, il-kanonċi kienu qabdu lill-pittur Calì ħalli jpinġi l-abside biss.

Wara li Calì lesta, ix-xogħol li jmiss ħaseb li ser iqabdu lilu jiksi s-saqaf kollu, iżda żbalja sew għax l-kanonċi riedu pittur barrani jagħmel dax-xogħol.

Il-pittur Monti kellu fama tajba ġo Ruma għax għamel xogħol sabiħ f'diversi knejjes, fejn ħadem al fresco fuq soqfa mibnija bil-*bricks*. Meta wasal Malta fis-sena 1906 hu ammira ħafna x-xogħol ta' Calì fl-abside. Għaldaqstant ma ħassarx il-pittura li kien lesta Calì anzi ddiskuta miegħu fuq il-karatteristiċi tal-ġebla Maltija. Calì wissieh sabiex ma jpinġix al fresco għax il-ġebla Maltija ma tittolerax żejt jekk qabel ma jsirx preparazzjoni sewwa.

Milli jidher dan ma semax minn dak li qallu Calì u ħadem erba' snin sħaħ pittura al fresco. Ġara li wara ftit snin, il-pittura tqaxxret u nqalgħet minn mal-ġebel tal-







**Attilio Palombi (bid-daqna) u Gianni Vella, u ieħor fuq l-armar ġewwa l-Knisja ta' San Pawl il-Belt.**

koppla u ntilfet għal dejjem. Meta tqis li tħallas fuq ħamest elef lira għall-pittura kollha, din spiċċat trab. Dan juri li l-kanonċi żbaljaw sew fl-għażla tagħhom tal-pittur. Ta' min isemmi wkoll li wara li lesta x-xogħol f'Birkirkara, il-pittur Monti daħal għal xogħol fil-knisja tax-Xagħra ġewwa Għawdex. Dan ix-xogħol kien oriġnarjament ingħata lil Calì iżda billi dan ħassu ma jiflaħx għalih, għax kien beda jbati minn sturdamenti koroh, kien sar beżgħan li jixxabbat mas-slielem sa ma jitla' taħt is-saqaf.

## Attilio Palombi (1860-1913)

Dan il-pittur Taljan ġie Malta fis-sena 1907 u ffirma kuntratt mal-kulleġġ tal-kanonċi ta' San Pawl il-Belt ħalli jpitter is-saqaf u l-kappelli tal-knisja tagħhom fuq tema waħdanija; il-ħajja ta' San Pawl. Billi kienu diġà saru xogħlijiet ta' pittura fuq suġġetti oħra, ġie determinat li dawn għandhom jitħassru ħalli flokhom Palombi jpinġi xeni mill-ħajja ta' San Pawl.

Minħabba f'hekk il-pittura ta' Calì idwar il-qabda mirakoluża tal-ħut ġiet mitlufa darba għal dejjem għax ħadd ma laħaq ħadilha ritratt qabel ma Palombi ħassarha. Naħseb li minħabba f'hekk bejn Giuseppe Calì u Attilio Palombi ma tantx kien hemm ħbiberija. Jingħad minn opinjonisti Maltin ta' dak iż-żmien, li kienu ffurmaw żewġ partiti; wieħed favur Calì u ieħor favur Palombi.

Tal-ewwel kienu jiltaqgħu ġol-każin tal-Istilla waqt li tat-tieni kienu jiltaqgħu fil-każin ta' La Valette. Waqt li x-xogħol ta' Palombi kien preġjat għax kellu ħafna kuluri, ftit kienu jqajmu devozzjoni, iżda dawk ta' Calì







**Attilio Palombi pitter l-Eżaltazzjoni tas-Salib ġol-kappella fis-Sagristija tal-Knisja ta' Ħal Lija.**



kienu jqajmu sens ta' devozzjoni tassew.

Ta min isemmi ġrajja fejn iż-żewġ artisti Attilio Palombi u Giuseppe Calì tqabdu għall-kuntratt ta' xogħol. Ġara li l-patrijiet Konventwali tal-Belt riedu li jitpinġa s-saqaf tal-knisja tagħhom b'xena tal-Apoteosi ta' San Franġisk.

L-ewwel ma għamlu talbu lil Palombi jpinġi abbozz, għoġobhom u wara qablu fuq il-prezz, tant li ffirmaw kuntratt ta' ħlas dovut.

Xi patri informa lil Calì b'dan u minn jeddu ħażżeż abbozz spettakolari u bħala ħlas talab nofs dak li kien ried Palombi.

Issa l-għażla tal-patrijiet waqgħet fuq Calì, imma billi kien hemm diġà kuntratt, il-pittur Palombi tella' l-patrijiet l-Qorti.

Giuseppe Calì lesta x-xogħol u meta nkixfet il-pittura, tant kien sabiħ ix-xogħol li wettaq, li ħafna ħassewhom qed jaraw ix-xena tal-ġenna kif kien qed jara l-istess San Franġisk waqt l-Apoteosi tiegħu.

Xogħol ieħor li wettaq Palombi waqt il-mawra tiegħu f'Malta u f'Għawdex kien ġol-Knisja ta' San Publiju tal-Furjana, iżda ġara li parti sew mill-knisja waqgħet bil-gwerra u ħafna xogħol ta' dan il-pittur intilef darba għal dejjem. Xogħol ieħor li wettaq f'Għawdex għadu jinstab f'diversi knejjes.

## Palombi u Ħal Lija

Waqt il-mawra tiegħu f'Malta kien joqgħod Ħal Lija, numru 6, Triq Sant'Andrija, propjetà tal-Kanonku ta' San Pawl Rev. Antonio Muscat. Lill-knisja ta' Ħal Lija ħallielha tifkira tal-oevre tiegħu billi bla ħlas ta' xejn, pitter l-Eżaltazzjoni tas-Salib fis-saqaf tal-kappella ż-zgħira li tinsab fis-sagristija.

Bħala kumpens għal dan ix-xogħol preġjat, il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Mattew Cortis irregalalu zukkeriera tal-fidda fis-sena 1905.

## Biblijografija

Dan it-tagħrif ittieħed mill-ktieb *Giuseppe Calì 1846-1930* ta' Emmanuel Fiorentino u Louis A. Grasso - Said International.



